MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 894/1993/1

**Alfrida Pace**

**v.**

**Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr. Jerzy Kosmyder u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2003 gew nominati l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Dr. Jerzy Kosmyder**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar il-pregudizzjali sollevata minnha *ex officio* waqt l-udjenza tas-sitta (6) ta' Dicembru,

2005 (fol. 344) dwar ir-ritwalità *o meno* ta’ l-appell incidentali interpost mill-konvenut Dottor Jerzy Kosmyder;

Illi min jista’ jinterponi appell incidentali u c-cirkostanzi illi fihom tali appell jista’ jigi interpost huma materji regolati mill-Artikolu 240 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) illi jiddisponi hekk:
“**240**.(1) Kull parti tista’ tinqeda b’appell li jsir minn sentenza, maghduda sentenza parzjali u minn kap wiehed jew izjed ta’ kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista’ mhux biss taghmel appell incidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wiehed jew izjed ta’ sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, izda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap taghha jew digrieti interlokutorji moghtija fl-istess kawza ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell incidentali jista’ jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 144:

Izda parti ma tistax hekk tinqeda b’dak l-appell dwar sentenza partikolari jekk dik il-parti tkun appellat minn dik is-sentenza jew minn kap taghha.

(2) Dik il-parti li tkun bi hsiebha tinqeda b’dak l-appell ghandha taghmel dikjarazzjoni f’dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet taghha u r-ragunijiet ghall-appell incidentali taghha” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Mill-atti processwali jirrizulta illi gie interpost appell principali mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tas-sebgha (7) ta’ Frar, 2003 biss u illi dan l-appell principali sar mill-attrici biss (fol. 289-297). Mill-istess atti jirrizulta ukoll illi l-konvenut Dottor Jerzy Kosmyder intavola appell incidentali (fol. 301-304) mill-imsemmija sentenza minghajr ma ipprezenta risposta ghall-appell interpost mill-attrici. A skans ta’ ekwivoci, dina l-Qorti qed taghmilha cara illi ma hijiex qed tikkonsidra bhala atti gudizzjarji dawk illi jinsabu minn *folio* 305 sa *folio* 315 peress illi ma jirrizultax illi dwarhom gie sodisfatt dak illi jipprovdi l-Artikolu 183 tal-Kap. 12;

Illi, minhabba n-nuqqas imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, l-appell incidentali tal-konvenut Dottor Jerzy Kosmyder huwa att gudizzjarju irritu u null *ai termini* ta' l-Artikoli 240 u 789 tal-Kap. 12 mehuda flimkien;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddikjara l-appell incidentali interpost mill-konvenut Dottor Jerzy Kosmyder bhala irritu u null u, konsegwentment, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tieghu;

Tordna illi l-ispejjes konnessi ma' l-istess appell incidentali jigu sopportati mill-konvenut Dottor Jerzy Kosmyder.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------